

# Il-Wardija
# Minjiera ta' Patrimonju Ekklesjastiku

*Max Farrugia Dip.LIS*

**Il-kappella tal-Madonna tal-Abbandunati fil-Wardija**



Fejn jidħol patrimonju kemm ekklesjastiku, kif ukoll ċivili, nistgħu ngħidu li l-lokalità ta' San Pawl il-Baħar u l-madwar huma fost l-aqwa bliet u rħula Maltin. Insibu fdalijiet storiċi ta' kull perjodu tal-istorja. Sfortunatament, il-patrimonju ta' din il-lokalità huwa apprezzat aktar mill-barranin li jiġu jżuruna matul xi vaganza milli min-nies tal-lokal u l-Maltin oħra. Illum se nikkonċentra biss fuq binjiet reliġjużi li jinsabu f'waħda mill-lokalitajiet li tagħmel parti minn din il-lokalità. Qed nirreferi għall-Wardija u l-madwar.

Fuq din l-għolja u l-madwarha, inkluża l-akwata ta' San Martin u l-widien li dejjem iħaddru, insibu xejn inqas minn seba' kappelli ta' perjodi differenti. Dawn il-kappelli huma kollha ġustpatronat, jiġifieri, xi darba jew oħra kienu jew għadhom propjetà privata ta' xi familja nobbli jew sinjura, b'xi qassis/rettur maħtur mill-familja biex jieħu ħsiebhom. Għajr għal waħda, l-oħrajn huma magħluqin għall-pubbliku jew inkella jsir xi servizz reliġjuż fihom kull tant. Ma nistax ngħid li dawk magħluqa jinsabu fi stat ħażin ħlief għal waħda, dik dedikata lill-Kunċizzjoni li tinsab f'Wied Qannota. Din hija żdingata u abbandunata. Il-kappelli li qed nagħmel referenza għalihom f'din l-akwata huma, dik dedikata lill-Madonna tal-Grazzja; ta' San Ġwann l-Għammiedi fl-inħawi magħrufa bħala tal-Ħereb; żewġ kappelli oħra huma dik ta' San Ġorġ u ta' San Xmun Appostlu; u fuq ix-xagħri ta' San Martin hemm kappella dedikata lil dan il-qaddis. Din sa madwar ħmistax-il sena ilu, kienet għadha tintuża u kienu jieħdu ħsiebha l-patrijiet Kappuċċini. Jibqa' biss il-kappella dedikata lill-Madonna tal-Abbandunati li tinsab fl-inħawi tal-ballut propju fuq l-art magħrufa bħala



Ġnien is-Sultan. Dawn kollha jinsabu fuq l-għolja tal-Wardija. Illum nitkellmu dwar din il-kappella.



**Il-Kappella matul is-snin.**

Il-Kappella dedikata lill-Madonna tal-Abbandunati nistgħu ngħidu hija l-aktar waħda prominenti u li tispikka fuq din l-għolja tant li tidher ukoll minn diversi inħawi ta' din iż-żona. Bħall-kappelli l-oħra kollha, wieħed jista' jasal għaliha jew min-naħa ta' Għajn Tuffieħa, jew San Pawl il-Baħar u mbagħad jitla' t-telgħa ta' San Martin, jew min-naħa taż-Żebbiegħ u l-Imġarr, jew inkella minn Burmarrad.

Din il-kappella tmur lura għas-seklu sbatax. Kienet mibnija mill-Granmastru Perellos u tmiss eżatt mal-palazz li kellu dan il-Granmastru fuq din l-għolja. Jingħad li dan il-Granmastru kien imur għall-kaċċa f'dawn l-inħawi biex jaħrab l-istorbju tal-Belt. Id-data tal-bini ta' din il-knisja tmur lura għas-sena 1689, filwaqt li ġiet ikkonsagrata xi sena wara.

Minħabba is-seħer naturali ta' din iż-żona, fi żmien il-Kavallieri, nies għonja u nobbli xi wħud minnhom membri tal-Ordni, ukoll bdew jibnu xi palazzi f'dawn l-inħawi għall-mistrieħ tagħhom u biex ikunu jistgħu imorru għall-kaċċa. Xi uħud minnhom, li għadhom jeżistu sal-lum, ukoll kellhom il-kappella privata tagħhom.

Il-kappella oriġinali dedikata lill-Madonna tal-Abbandunati nistgħu ngħidu kienet binja żgħira b'forma rettangolari, kif wieħed jista' jara sal-lum il-ġurnata. Is-saqaf tagħha huwa magħruf bħala saqaf troll, u bil-faċċata sempliċi ħafna. Din kienet inbniet fuq l-istess stil tal-kappelli ta' dik l-epoka. Illum il-ġurnata sar ħafna tibdil fiha kif naraw aktar 'il quddiem. Is-saqaf ta' din il-kappella huwa kollu impitter.



Il-Granmastru Perellos, li kien jappartjeni għall-Kavallieri tal-lingwa ta' Aragona, kien żejjen din il-kappella bi kwadru titulari impitter mill-Malti Stefano Erardi li juri lill-Madonna tal-Abbandunati. Dan il-kwadru, skont esperti fil-qasam tal-arti, jixbaħ kwadru ieħor li hemm ġewwa Valenzia fi Spanja dedikat lill-istess Madonna. Insibu li l-kwadru titulari juri lill-Madonna bit-tarbija Ġesù f'idejha u tarbija fuq kull naħa tagħha.

**Il-miġja tal-Franċiżi**

Din il-kappella kienet soffriet ħafna ħsara u s-serq ta' oġġetti prezzjużi mis-suldati ta' Napuljun ftit wara li kienu ħadu l-Gżejjer Maltin f'idejhom fil-

11 ta' Ġunju tal-1798. L-attakk fuq din il-kappella sar fit-13 ta' Ġunju filgħodu. Minnha serqu kull ma kien tajjeb għalihom, fosthom oġġetti tal-fidda li kienu jintużaw għas-servizzi reliġjużi, il-gwarniċi tal-fidda tal-Via Sagra, oġġetti tal-deheb u affarijiet oħra ta' valur. Huwa magħruf li l-kwadru tat-titular, li allura kien goff biex jieħduh magħhom, ġarrab ħsara meta neħħewh minn postu, tefgħuh barra mill-kappella u tefgħu fuqu ħamrija u ġebel. Permezz ta' xabla kienu għamlu qatgħa ma' għonq il-Madonna u Ġesù. Jingħad li xi bdiewa li kienu joqogħdu fl-inħawi, ġabru din il-pittura, ħbewha ġo wieħed mill-irziezet tagħhom, u wara t-tluq tal-Franċiżi minn Malta reġgħu poġġewha lura fil-kappella. Bidwi li għandu ir-raba f'dawn l-inħawi, magħruf f'din l-akwata bħala Karmnu ta' Luqa kien qalli li fil-jum tat-13 ta' Ġunju, ħafna mill-bdiewa, b'mod speċjali fl-antik, ma kienux jaħdmu fir-raba tagħhom.



**Is-Seklu Għoxrin.**

Insibu li lejn l-aħħar kwart tas-seklu dsatax, din il-kappella kienet spiċċat bħala ġustpatronat f'idejn il-familja Manduca Piscopo Macedonia, inkluż ukoll xi artijiet oħra f'dawn l-inħawi u anki fix-Xemxija. Il-Konti Bernard Manduca Piscopo Macedonia Zammit nistgħu ngħidu li reġa ta l-ħajja lil din il-kappella li tant kienet għal qalbu. Minkejja li kellu dar oħra fejn joqgħod, kien għażel li għal ħafna xhur tas-sena jgħix fil-palazz li hemm ma ġemb din il-kappella. Huwa kien maħbub ħafna mill-bdiewa tal-inħawi li minnhom kien isib ħafna għajnuna. Tant ħabb din il-kappella, li kien wera ix-xewqa li wara mewtu jindifen fiha kif fil-fatt sar f'Jannar tal-1971. Lapida f'din il-kappella turi fejn huwa midfun dan il-Konti.

Sa minn meta ħa r-responsabbiltà ta' din il-kappella, il-Konti Bernard kien jorganiżża l-festa dedikata lill-Madonna tal-Abbandunati fil-Wardija. Dak iż-żmien, il-festa kienet issir lejn l-aħħar ħadd ta' Mejju. Mill-ewwel beda jirranġa u jirrestawra din il-kappella u anki jżid ma' dak li kien hemm. Skont xi bdiewa tal-lokal, mhux darba u tnejn ġew iżuru din il-kappella nies prominenti ħafna fosthom xi Isqfijiet. L-Eċċellenza tiegħu l-President ta' Malta il-Professur Gwido Demarċo kien devot ħafna ta' din il-kappella u fil-jiem tal-festa kien ikun wieħed minn ta' l-ewwel li jattendi. Il-festa kienet oriġinarjament issir b'pompa solenni kbira. Billi ma kienx għad hemm dawl eletriku, fil-knisja, mal-faċċata u matul it-triq kienu jintramaw lampi kuluriti taż-żejt u diversi statwi. Xi uħud minn dawn l-istatwi għadhom jintramaw sal-lum. Matul iż-żmien, dan il-konti nefaq ħafna u ħafna flus sabiex kompla jkabbar din il-kappella. Matul is-seklu għoxrin, fl-ewwel snin tiegħu din il-kappella




Ikompli f'paġna 109

tkabbret fuq in-naħa ta' wara, u anki nbniet sagristija u kappella żgħira oħra dedikata lil Santa Rita. L-art, minflok ċangatura, saret tal-irħam, u l-intern tagħha kompla jiġi imżejjed b'diversi statwi, fosthom dik titulari li hija maħduma mill-kartapesta, xogħol tal-istatwarju Wistin Camilleri. Numru mhux ħazin ta' kwadri li uħud minnhom anki juru retturi ta' din il-kappella jinsabu kemm fil-kappella kif ukoll fis-sagristija u kmamar oħra. Fost dawn hemm xogħlijiet ta' artisti magħrufin bħal Francesco Zahra, Pawlu Camilleri Cauchi, u Alfred Camilleri Cauchi. It-titulari ta' din il-kappella li kien ġarrab ħafna ħsara ukoll ġie restawrat u kkonservat b'mod professjonali.

Sar ukoll xi tibdil fil-faċċata tagħha billi ġie mibni fontispizu li fih hemm statwa tal-Qalb ta' Ġesù. Ftit aktar minn ħamsin sena ilu, fl-1963, kienet inbniet il-kopla ta' din il-kappella u ftit wara il-kampnar li, għalkemm huwa parti mill-kumpless tal-kappella, huwa separtat għalih. Dan il-kampnar jidher minn diversi inħawi tal-akwata. Fil-kampnar insibu sett ta' ħames qniepen li kienu inħadmu fl-Italja u ġew imbierka mill-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi.

Ta' kull sena il-festa dedikata lill-Madonna tal-Abbandunati issir lejn l-aħħar Ħadd ta' Mejju. Minbarra il-festi interni li jsiru ġewwa din il-kappella, ikun hemm ukoll purċissjoni bl-istatwa devota tal-Madonna. Bidwi li jgħix fl-inħawi u li ilu għal snin twal, kemm huwa kif ukoll issa anki it-tfal tiegħu, kull sena jieħdu sehem f'irfiegħ ta' din l-istatwa waqt il-purċissjoni qalli li fi żmien meta il-Konti kien għadu ħaj, il-festa kienet issir bil-kbir.



Kienu jattendu għalija mhux il-bdiewa biss tal-madwar imma ħafna nies minn postiiet oħra. Qalli ukoll li jiftakar il-Banda ta' San Pawl il-Baħar tieħu sehem, u kienet tiġi mistiedna wkoll il-Banda ta' Ħal Balzan fejn kellu ir-residenza permanenti tiegħu il-Konti Benard. Il-festa kienet tiġi ċċelebrata fuq tlett ijiem u kien ikun hemm it-tridu, quddiesa solenni bil-paniġierku u wara purċissjoni bl-istatwa. Sa ftit tas-snin ilu kien ukoll jintuża ilbies tradizzjonali ta' qabel il-Konċilju Vatikan II waqt il-purċizzjoni, minbarra l-istatwa, kien ikun hemm ukoll ir-relikwija. Il-festa tispiċċa bil-logħbob tan-nar. Matul il-triq li tagħti għall-knisja fil-jum tal-festa ikun hemm armati diversi postijiet li jofru ikel u xorb lil dawk li jattendu

Din il-kappella matul is-sena tagħti diversi servizzi reliġjużi. Is-Sibtijiet ikun hemm quddiesa fis-6.00 p.m. matul is-sajf u fil-5.00p.m. fix-xitwa. Filwaqt li fil-Ħdud filgħodu tiġi ċċelebrata quddiesa fis-7.30a.m. Matul ir-randan jiġu organizzati l-eżerċizzi għall-komunità tal-Wardija. Matul il-Ġimgħa Mqaddsa jsiru il-funzjonijiet kollha u anki ġieli ikun hemm xi magħmudija. Anki fi żmien il-Milied jiġu ċċelebrati f'dawn il-festi, b'xi tifel jew tifla tal-inħawi tagħmel il-priedka tal-Milied. Minbarra l-festa ikun hemm ukoll pellegrinaġġ bl-istatwa tal-Madonna ta' Fatima fl-ewwel Sibt ta' Ottubru.

Jixtieq nagħlaq billi nirringrazzja lill-familja ta' bdiewa magħrufa fl-inħawi bħala ta' Luqa għall-informazzjoni li għaddewli dwar il-festa fl-antik u anki s-servizzi reliġjużi. Din il-familja ilha nvoluta f'din il-festa għal ħafna snin.